

It-tmiem tat-tariffi tar-roaming: il-Kunsill jikkonferma qbil mal-PE

Fit-8 ta' Lulju 2015 ittieħed pass ieħor lejn **it-tmiem tat-tariffi tar-roaming għall-mowbajl**, meta **l-istati membri** fil-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti **approvaw il-ftehim** mal-Parlament Ewropew. Il-liġi l-ġdida ser tinkludi wkoll **l-ewwel regoli li japplikaw fl-UE kollha u li jħarsu l-aċċess miftuħ għall-internet**, magħruf ukoll bħala n-newtralità tal-internet.

Tmiem it-tariffi tar-roaming f'nofs l-2017

Skont il-ftehim, **is-sovrimposti fuq ir-roaming** fl-Unjoni Ewropea ser **ikunu aboliti mill-15 ta' Ġunju 2017**. Madankollu, il-fornituri tar-roaming ser ikunu jistgħu japplikaw **'politika ta' użu ġust'** biex ma jitħalliex isir użu abbużiv mir-roaming. Dan ikun jinkludi l-użu ta' servizzi roaming għal finijiet oħra minbarra vjaġġar perjodiku.

Għar-roaming li jmur lil hinn mill-użu ġust, jista' jkun hemm tariffa żgħira. Din it-tariffa ma tistax tkun ogħla mill-ogħla rata bl-ingrossa li l-operaturi jħallsu biex jużaw in-networks ta' pajjiżi oħra tal-UE. **Il-limitu għall-użu ġust** ser jiġi definit mill-Kummissjoni sal-15 ta' Diċembru 2016.

Biex it-tmiem tat-tariffi tar-roaming ikun **sostenibbli** fl-UE kollha, jeħtieġ li jitnaqqsu r-rati attwali bl-ingrossa. Biex dan jinkiseb, il-Kummissjoni ser tingħata mandat biex tirrevedi s-suq tar-roaming bl-ingrossa u tipproponi liġi ġdida sal-15 ta' Ġunju 2016. Barra minn hekk, ser jiddaħflu salvagwardji biex jindirizzaw l-irkupru tal-ispejjeż mill-operaturi.

Il-Prim Ministru u Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Mezzi tax-Xandir tal-Lussemburgu u President tal-Kunsill, Xavier Bettel, qal: "Il-ftehim dwar l-abolizzjoni tar-roaming sa Ġunju 2017 juri li l-Unjoni Ewropea tista' tagħti benefiċċji konkreti liċ-ċittadini Ewropej. L-Ewropa kapaċi tikseb ir-riżultat mixtieq."

Roaming orħos anki mill-2016

Il-tariffi tar-roaming diġà ser jorħsu fit-30 ta' April 2016. L-ogħla sovrimposta minn dakinhar ser tkun €0.05 kull minuta għal **telefonati**, €0.02 għal **sms** u €0.05 kull megabyte għal **data**. Dawn l-ammonti huma l-ogħla rati bl-ingrossa ta' bħalissa. Għal **telefonati riċevuti**, l-ogħla sovrimposta ser tkun il-medja ppeżata tar-rati massimi tat-terminazzjoni tal-mowbajl fl-UE kollha, li għandha tiġi ffixxata mill-Kummissjoni sa tmiem l-2015.

Il-limiti massimi attwali tal-UE għall-prezzijiet tar-roaming fil-livell tal-konsumatur jirreferu għal kemm l-operaturi jistgħu jiċċarġjaw lill-klijenti tagħhom. Fi kliem ieħor, ikopru l-prezz domestiku miżjud bis-sovrimposta. Wara t-30 ta' April 2016 ukoll, it-total tal-prezz domestiku u kwalunkwe sovrimposta ma jista' f'ebda każ ikun ogħla mil-limiti massimi attwali fil-livell tal-konsumatur (€0.19 kull minuta għal telefonati, €0.06 għal sms u €0.20 kull megabyte ta' data).

Niproteġu l-internet miftuħ

Għall-ewwel darba, liġi tal-UE ser tistipula li **l-operaturi ser ikollhom jitrattaw it-traffiku kollu l-istess** meta jipprovdu servizzi ta' aċċess għall-internet. It-test jistabbilixxi wkoll il-prinċipju tad-**dritt tal-utenti li jkollhom aċċess għal u li jqassmu l-kontenut tal-għażla tagħhom** fuq l-internet.

L-operaturi jistgħu jużaw **miżuri raġonevoli ta' ġestjoni tat-traffiku** sabiex l-internet jibqa' operattiv. Miżuri bħal dawn għandhom ikunu bbażati fuq bżonnijiet tekniċi oġġettivi, u mhux konsiderazzjonijiet kummerċjali. L-imblukkar jew it-tnaqqis fir-rapidità ser ikunu permessi biss f'għadd limitat ta' ċirkostanzi, pereżempju biex jilqgħu għal ċiberattakki jew jindirizzaw konġestjoni eċċezzjonali jew temporanja tat-traffiku.

Ftehimiet dwar **servizzi ottimizzati għal kontenut speċifiku** ser ikunu permessi fejn tkun meħtieġa l-ottimizzazzjoni, iżda l-operaturi ser ikollhom jiżguraw il-kwalità ġenerali tas-servizzi ta' aċċess għall-internet. Servizzi speċjalizzati bħal dawn jinkludu pereżempju t-telekirurġija u l-karozzi kollegati.

Ir-regoli għall-internet miftuħ ser ikunu applikabbli mit-30 ta' April 2016, li hija d-data tal-applikazzjoni ġenerali tar-regolament il-ġdid.

"It-tħaddin tal-prinċipju tal-ħarsien tal-internet miftuħ fil-leġislazzjoni tal-UE ma hu xejn inqas minn pass storiku," qal il-Prim Ministru Bettel. "Qed nippreservaw il-possibbiltà li sseħħ l-innovazzjoni. Dan il-ftehim jibqa' jreġi anki fil-ġejjieni."

Kif ser isir liġi dan kollu?

It-test miftiehem ser jgħaddi għall-finalizzazzjoni teknika. Imbagħad jeħtieġ ġiġi approvat formalment mill-Kunsill u mill-Parlament. Il-Kunsill mistenni jadottah formalment fil-ħarifa 2015. Dan m'għandux bżonn isir mill-Kunsill tat-Telekomunikazzjoni: kwalunkwe formazzjoni tal-Kunsill għandha s-setgħa tadotta l-att legali.

Ir-regolament ser jidħol fis-seħħ 20 jum wara li jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-UE.

- [Abbozz ta' regolament dwar ir-roaming u internet miftuħ](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press